– PROCEDURI TA' RIVALSA TA' L-ASSIGURAZZJONI –
– PRESKRIZZJONI SKOND L-ART. 2153 TAL-KODICI CIVILI –
– DMIR LI TINGHATA SUSTANZA PROBATORJA LILL-ALLEGAZZJONI U L-ECCEZZJONI –
– *INCEPTIO PRESCRIPTIO* TRID TIGI DEBITAMENT PUVATA –
– PRINCIPJI DWAR IL-KONTRADITTUR LEGITTIMU –
– KSUR TAL-POLZA U RIVALSA SKOND IL-KAP. 104 TAL-LIGIJIET TA' MALTA –
– L-ATTRICI MA PPRUVATX L-ALLEGAZZJONI TAGHHA –

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Ottubru, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **87/2017**

**UNTOURS INSURANCE AGENTS LIMITED** [C-5655]
**GHAL QIC INTERNATIONAL LLC**

***VERSUS***

**MURIEL MICALLEF** [K.I. NRU.443080M] **U**
**CLINT MICALLEF** [K.I. NRU. 157577M]

B'Avviz tat-Talba mressaq fid-9 ta' Frar, 2017, l-attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuha l-ammont ta' elfejn, tlett mija u sitta u tletin ewro u seba' u hamsin centezmi (€2,336.57c) rapprezentanti indenniz illi hi kellha thallas lil terzi in forza ta' decizjoni arbitrali datata 3 ta' Lulju, 2015. L-attrici tikkontendi li l-assigurata taghha, Muriel Micallef, kisret il-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni peress li halliet lil Clint Micallef isuq il-vettura meta dan ma kellux l-età (skond il-polza) biex jaghmel dan u l-istess spicca biex kellu incident li ghalih kellha taghmel tajjeb l-istess attrici. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez gudizzjarji marbuta mal-prezenti proceduri u kif ukoll l-imghax legali dekorribbli mill-intavolar ta' din il-kawza.

B'Risposta mressqa fit-12 ta' Dicembru, 2017,[1] il-konvenuta Muriel Micallef laqghet ghat-talba attrici billi eccepiet li (1) it-talba attrici kif dedotta hi infondata kemm fattwalment u kif ukoll legalment; (2) hi ma hijiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri; (3) hi ma kinitx involuta fl-incident stradali u ghalhekk ma ghandhiex tinzamm responsabbli ghad-danni mitluba mill-attrici; u (4) li fl-istadju tal-proceduri ta' arbitragg, hi ma kinitx parti fihom u ma kinitx giet ikkundannata thallas l-ebda danni; (5) salv eccezzjonijiet ulterjuri.

B'Risposta mressqa fis-26 ta' Jannar, 2018,[2] il-konvenut Clint Micallef laqa' ghat-talba attrici billi preliminarjament eccepixxa l-preskrizzjoni bjennali skond l-Art. 2153 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u generalment sostna li l-ammont reklamat mhux dovut hekk kif kien ser jintwera fil-kors tas-smigh tal-procediment.

It-Tribunal qies il-provi kollha, ra l-atti processwali intieri u ra li fl-udjenza tat-3 ta' Gunju, 2019[3] il-prezenti kawza thalliet ghas-sentenza in difett t'ostakolu[4] ghall-udjenza tal-lum;

It-Tribunal jikkunsidra;

Ghal dak li jikkoncerna l-sfond fattwali tal-prezenti kaz, dan jista' jigi kronologikament elenkat bis-segwenti manjiera:

***a.*** Is-socjetà attrici kienet, fid-9 ta' Awwissu, 2010, rrilaxxjat polza ta' assigurazzjoni a favur il-konvenuta Muriel Micallef tat-tip *third party liability* relattiva ghall-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBS-679 tat-tip 'Mitsubishi Pajero', u dan ghall-perjodu bejn id-9 ta' Awwissu, 2010 sat-30 ta' April, 2011. L-msemmija kopertura assigurattiva kienet relattiva ghal kwalunkwe sewwieq ta' 'l fuq minn hamsa u ghoxrin (25) sena.[5]

***b.*** Fis-17 ta' Frar, 2011 sehh incident awtomobilistiku li fih kienet involuta din il-vettura u fil-hin ta' l-incident il-vettura kienet qed tinsaq mill-konvenut l-iehor Clint Micallef, li dak iz-zmien, skond l-attrici, kien ghadu taht l-indikata età.[6]

---

[1] Ara *a fol*. 26.
[2] Ara *a fol*. 27.
[3] Ara *a fol*. 110.
[4] Ir-raguni ghal tali kwalifika tohrog minn dak registrat fil-verbal ta' l-udjenza tal-11 ta' April, 2019 (ara *a foll*. 108–109).
[5] Ara polza assigurattiva ezibita *a fol*. 2 u ri-ezibita *a fol*. 42 u ara anke *a foll*. 70–71.
[6] Ara verbal fil-proceduri arbitrali tad-9 ta' Lulju, 2014 ezibit *a fol*. 79 ta' dawn il-proceduri li *inter alia* jghid hekk: "*Il-persuna li kien qed issuq il-vettura fl-incident cioè Clint Micallef, ma kienx kopert billi l-polza kienet tkopri biss persuni 'il fuq minn 25 sena, u fil-jum tal-incident Micallef Clint kien ghadu taht dik l-età.*"

***c.*** In forza ta' decizjoni, ossia *award*, li nghatat fi proceduri ta' arbitragg li gew istitwiti minn terzi lezi, liema proceduri kienu fl-ismijiet «Atlas Insurance PCC Limited et v. Clint Micallef» (ref. nru. M3413/2013), il-konvenut Clint Micallef gie dikjarat unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni u gie kkundannat ihallas €919.52c lir-rikorrenti, oltre l-imghaxxijiet u l-ispejjez arbitrali. Wara d-dispozittiv tad-decizjoni arbitrali, hemm indikat hekk: "*Ghal kull bwon fini l-Arbitru jiddikjara illi l-polza tas-sigurtà mahruga mis-socjetà ta' assigurazzjoni intervenuta fil-kawza*[7] *favur Muriel Micallef sid il-vettura involuta fl-incident kienet tkopri lilha biss. Ghalhekk id-drittijiet kollha legali tal-istess socjetà ta' assigurazzjoni fil-konfront tal-intimat naxxenti mill-ligi u mill-istess polza qeghdin jigu riservati favur l-intervenuta fl-Arbitragg*."

***d.*** In segwitu ghal tali decizjoni, is-socjetà attrici *qua* s-socjetà assiguratrici li kienet irrilaxxjat il-polza ta' assigurazzjoni relattiva ghall-vettura in kwistjoni, giet kostretta li twettaq il-hlas tad-danni likwidati in forza ta' dik id-decizjoni, u dan b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.[8]

***e.*** In virtù tal-prezenti istanza ta' rivalsa, l-istess socjetà attrici qed titlob rifuzjoni ta' dan l-ammont minnha saldat, minghand Muriel Micallef *qua* l-assigurata taghha, u minghand Clint Micallef bhala l-persuna li kienet qed issuq il-vettura meta sehh l-incident u li kienet ukoll il-persuna li giet dikjarata unikament kolpevoli tas-sinistru stradali fl-imsemmija proceduri ta' arbitragg.

Epilogati tali fatti, wiehed issa jqis il-materja ta' preskrizzjoni mqanqla mill-konvenut Clint Micallef.

Skond l-Art. 7(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, nonostanti li, "*it-Tribunal għandu jaqta' kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu prinċipalment skont l-ekwità*", hu previst b'mod espress illi, "*f'kull każ, kull kwistjoni li jista' jkun hemm dwar il-preskrizzjoni għandha tinqata' skont il-liġi*." Issa, skond l-Art. 730 tal-Kodici ta' Procedura Civili, "*L-eċċezzjoni ta' inkompetenza jew ta' illeġittimità ta' persuna, u l-eċċezzjonijiet ta' transazzjoni, arbitraġġ, res judicata, preskrizzjoni jew nullità ta' atti, għandhom jiġu deċiżi b'kapi għalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu*." Ghalhekk, huwa doveruz illi l-ewwel u qabel kollox it-Tribunal jinvesti fl-eccepita eccezzjoni tal-

[7] Li hija s-socjetà attrici f'dawn il-proceduri.

[8] Jigi sottomess li l-attrici ma ezebit l-ebda evidenza dwar il-hlas minnha maghmul lill-parti rikorrenti fil-proceduri arbitrali. Inoltre, ma ngabet l-ebda prova ta' kif inhu ezattament suddiviz l-ammont globali reklamat f'dawn il-proceduri, ossia oltre l-ammont ta' €919.52c bhala sorte fil-proceduri ta' arbitragg, ta' x'jikkomponi r-rimanenti ammont ta' €1,417.05c. Ghalkemm, giet prezentata kopja tat-taxxa ufficjali marbuta mal-proceduri t'arbitragg (ara *a fol*. 105), it-Tribunal ma setax jasal ghal din l-ahhar imsemmija cifra.

preskrizzjoni fl-ewwel parti (kap) tal-prezenti sentenza. Sussegwentement – naturalment dejjem dipendenti mill-ezitu tal-kunsiderazzjonijiet u konkluzjoni raggunta dwar tali aspett tal-procediment – wiehed imbaghad ikompli jistharreg l-aspetti l-ohra tal-kawza.

Il-konvenut Clint Micallef jikkontendi li l-istanza attrici hi milquta minn dak it-terminu preskrittiv kontemplat fl-Art. 2153 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Tali disposizzjoni tghid illi, "*L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn*."

Huwa minnu li dan il-konvenut xehed quddiem dan it-Tribunal,[9] izda ikollu jigi mistqarr li d-deposizzjoni tieghu ma tghin fl-ebda aspett tal-prezenti kontiza, sia jekk tali deposizzjoni tigi rivolta ghall-materja ta' preskrizzjoni u kif ukoll jekk applikata ghar-rimanenti aspetti tal-vertenza.[10]

Ghalkemm jinvoka zmien preskrittiv sabiex jehles mill-effetti tat-talba attrici fil-konfront tieghu, dan il-konvenut jonqos milli jindividwa d-data preciza ta' minn meta ghandha tibda tiddekorri l-preskrizzjoni relattiva. Huwa semplici wisq li wiehed jeccepixxi l-preskrizzjoni u jieqaf hemm, bl-aspettattiva li l-konnotati guridici u l-implikazzjonijiet processwali relattivi minnha derivanti jigu applikati awtomatikament minn min hu tenut jiggudika. Naturalment, kif ghandu jkun ben not, dan mhux hekk. Kwalsiasi eccezzjoni formali – anke dik tal-preskrizzjoni – trid tigi debitament pruvata. Jekk il-parti li l-aktar tinteressaha li tirbah tali eccezzjoni tabdika mid-dover taghha li taghti sustanza lill-istess eccezzjoni, certament dik il-parti m'ghandhiex tistenna li haddiehor ser iwettaq dmirha jew jaghmel xogholha. Dan qed jigi sottolinejat ghar-ragunijiet li gejjin *infra*.

In tema ta' preskrizzjoni, jinsab rikonoxxut illi min jinvokaha ghandu jaghti l-prova tad-data preciza tad-dekorriment taghha ("inceptio prescriptio"). Fin-nuqqas ta' tali prova, min hu kjamat jiddeciedi ma jistax jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni stante li ma jkunx gie determinat l-inizju tad-dekorriment tal-perjodu preskrittiv. Issa, peress li "*f'materja limitattiva tal-azzjoni, bhal ma hija l-preskrizzjoni, mhix ammissibbli l-interpretazzjoni estensiva, u l-preskrizzjoni hija istitut ta' interpretazzjoni strettissima"* (*cfr*. **Prof. Anthony J. Mamo ne v. Nutar Emmanuele Agius**, Appell Civili, 25 ta' Novembru, 1957) wiehed irid izomm quddiem ghajnejh illi min jecepixxi l-preskrizzjoni *"kellu jipprova l-element essenzjali tal-eccezzjoni tieghu u cioè li kien bhala fatt iddekora t-terminu statutorju preskrittiv. Dana mid-data minn meta l-attur seta' jipproponi l-azzjoni.*

[9] Fl-udjenza ta' l-20 ta' Gunju, 2018 (*a foll*. 37–40).
[10] Id-deposizzjoni tieghu titkellem wehidha u t-Tribunal mhux ser joqghod jispjega kif l-istess ma tapplikax.

*Altrimenti kien japplika l-principju 'contra non valentem agere non currit prescriptio"* (*cfr.* **Guido J. Vella v. Dr. Emanuel Cefai**, Appell Inferjuri, 5 ta' Ottubru, 2001). Addizzjonalment, f'dan l-ahhar kaz citat, inghad inoltre li kien "*jispetta lill-konvenut li jistabbilixxi definittivament il-mument minn meta beda jiddekorri skond il-ligi t-terminu preskrittiv u jekk kienx effettivament hekk iddekorra minn dak il-mument sal-mument meta tkun giet intavolata l-azzjoni*."

B'zieda ma' dak appena maghdud, issir referenza ghall-Art. 2137 tal-Kodici Civili li jghid: "*Bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss*." Dan hu rifless tan-norma ta' "actio nata" li appropozitu, fid-duttrina akkreditata, intqal hekk dwarha: "*E' questo il concetto che si riassume nella formula tradizionale – actio nata – interpretata dalla comune dottrina nel senso che la prescrizione cominci in quel momento stesso, in cui nasce l'azione intesa a tutelare il diritto*" (*cfr*. **Giuseppe Pugliese**, "Trattato della Prescrizione Estintiva", §21).[11] Tal-istess fehma huwa l-**Baudry Lacantinerie** ("Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile", Vol.XXVIII, §364), meta josserva li, "*Quanto alla prescrizione estintiva il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere.*" Mix-xena domestika hemm is-sentenza, fost bosta ohrajn, riportata f'*Kollez*. **Vol. XXXVII-II-622** li fiha inghad li, "*Jehtieg jigi ezaminat meta jista' jsir dan l-ezercizzju (ta' l-azzjoni). Dan iz-zmien skond id-dottrina hu dak li fih tkun twieldet l-obbligazzjoni u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali*." Hawnhekk qed nitkellmu dwar il-*punctum temporis* minn fejn ghandhom jibdew jigu kkalkolati s-sentejn applikabbli, skond il-konvenut, ghall-azzjoni attrici. F'aktar dettall, il-qrati taghna jghidu li, "*L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilitá taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjent*" (*cfr*. **Victor Portelli v. Mark Psaila**, Prim'Awla, 29 ta' Mejju, 2003; ara wkoll **Stencil Pave (Malta) Limited v. Kunsill Lokali Naxxar**, Prim'Awla, 30 ta' Ottubru, 2003). Inghad ukoll li, "*l-accertament tad-dekorrenza taz-zmien tikkostitwixxi indagini ta' fatt u dan jimporta illi inizzjalment jinkombi fuq il-konvenut li jissolleva l-preskrizzjoni, li ghandu, bhala fatt, jissodisfa, bi prova essenzjali, li t-terminu statutorju preskrittiv kien ghadda. Wiehed ma jridx jinsa li l-element kostituttiv ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi l-manifestazzjoni, f'sens inekwivoku, tal-volontá tal-parti li ggib 'il quddiem l-estinzjoni bid-dekors taz-zmien tal-kreditu azzjonat fil-konfront tieghu. U allura logikament hu mistenni li l-konvenut jiddeduci, in sostenn tad-difiza tieghu, prova tad-data tad-dekorrenza ghall-iskop tal-*

[11] Dan l-awtur hu citat ripetutament u *in extensio* fid-decizjoni *in re* **Ester Degeatano et v. Joseph Rosso** (Appell Civili, 26 ta' Frar, 1965; mhux pubblikata).

*komputa tal-perijodu preskrizzjonali* " (*cfr*. **Luciano Martinelli noe v. Saviour Pisani**, Appell Inferjuri, 22 ta' Gunju, 2005).

Fil-kaz taghna l-konvenut Clint Micallef jonqos milli jindividwa d-data ta' meta ghandha tibda' tiddekorri l-preskrizzjoni minnu stess invokata. Fil-kaz odjern, dan il-konvenut ma ghamel xejn hlief li asserixxa li l-istanza attrici hi preskritta, izda ma marx oltre minn tali asserzjoni u individwa ezattament data li mieghu tintrabat id-dekorrenza. B'hekk jigi li l-konvenut halla f'idejn it-Tribunal biex jipprova jindividwa minfloku dik id-data li setghet kienet applikabbli. Bid-dovut rispett, dan ma jistax jinghata adezjoni jew jigi permess li jsir jew jigi kondonat peress, kif ritenut, "*l-Qorti ma kellha l-ebda obbligu li tikkonduci hi l-provi ta' xi parti*." (**Saviour Brincat et v. Salina Estates Limited**, (Appell Inferjuri, 25 ta' Frar, 2004). Kif affermat fi zmien pjuttost ricenti *in re* **Carmen Xuereb v. Av. Anton Micallef** (Prim'Awla, 12 ta' Dicembru, 2013), "*M'huwiex il-kompitu tal-Qorti illi sabiex issib iz-zmien meta bdiet ghaddejja l-preskrizzjoni toqghod tfittex hi l-prova jew f'dak li jkun inghad bil-gurament jew f'dak li jirrizulta minn dokumenti. Dak huwa kompitu tal-partijiet. Ix-xoghol tal-Qorti huwa li tqis u taghrbel il-provi li jitressqu dwar it-talbiet u l-eccezzjonijiet. Fil-kaz tal-lum, almenu fejn jirrigwarda l-preskrizzjoni, dan baqa' ma sarx. Li jfisser li fil-kaz tal-lum ma tirrizultax, b'mod sodisfacjenti u sal-grad rikjest mil-ligi, id-data meta bdiet ghaddejja l-preskrizzjoni.*" Ikun superfluwu ghat-Tribunal li jaggjungi oltre dak appena senjalat.

Ghalhekk, minn dan l-aspett, l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tal-konvenut Clint Micallef hi destinata tfalli u konsegwentement, it-Tribunal qed jichaq l-eccezzjoni abbazi ta' l-Art. 2153 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) invokata mill-konvenut Clint Micallef.

Skartata tali materja preliminari, it-Tribunal issa jdawwar harstu lejn aspett iehor preliminari tal-vicenda.

Materja preliminari ohra li tehtieg tigi indirizzata hi dik dwar il-legittimità passiva tal-konvenuta Muriel Micallef stante li fit-tieni eccezzjoni taghha din tghid li hi m'hijiex il-kontradittur legittimu di fronti ghall-pretiza attrici. It-tielet u r-raba' eccezzjonijiet huma estensjoni tat-tieni wahda u fihom il-konvenuta tispjega l'ghaliex m'hijiex il-legittimu kontradittur, u dan l'ghaliex hi "*ma kinitx involuta fl-imsemmi incident tat-traffiku u ghaldaqstant ma ghandhiex tinzamm responsabbli ghad-danni li qieghda titlob s-socjetà attrici*" u ghax "*fl-istadju tal-arbitragg, l-esponenti konvenuta ma kinitx parti mill-kawza, u ma giet ikkundannata thallas ebda danni.*"

Dwar din it-tematika, kif ben not, l-interess ma jridx ikun solament fil-persuna ta' l-attur li jipproponi l-istanza, izda wkoll f'dik ta' l-imharrek li jikkontestaha. Fl-ewwel kaz, nirreferu ghall-interess bhala "legittimità attiva", filwaqt li fit-tieni kaz, nirreferu ghalih bhala "legittimità passiva". Iz-zewg sitwazzjonijiet jaqghu taht il-kappa generali tal-precett ta' "kapacità processwali". F'dan is-sens il-gurisprudenza tghid li, "*fu nondimeno ritenuto nella patria giurisprudenza, malgrado il difetto di una precisa disposizione della legge in materia ... che base e misura di ogni azione giudiziaria è l'interesse in chi la istituisce e in chi la contesta*." (*cfr*. **Giuseppe Micallef Goggi v. P.L. Emanuele Armando Mifsud**, Appell Civili, 11 ta' April, 1930 riportata f'*Kollez*. Vol.XXVII-I-507). F'dan is-sens ara wkoll **Brockdorff v. Pace Balzan** (Qorti tal-Kummerc, 8 ta' April, 1899 riportata f'*Kollez*. Vol.XVII-III-15).

Ghalhekk, dak li ghandu jigi mistharreg f'dan l-istadju huwa jekk il-konvenuta Muriel Micallef ghandhiex legittimità passiva li tkun parti konvenuta, cioè li jigi ricerkat, u stabbilit, jekk il-kontradittorju[12] odjern huwiex sew imsejjes fir-rigward taghha. F'dan ir-rigward, jigu espressi dawn il-principji:

**(a)** Hu ritenut illi, "*se il processo è necessario alle parti, le parti sono necessarie al processo*" (**Girolamo Monteleone**, "Manuale di Diritto Processuale Civile" Vol.I, CEDAM 2007; p.150). B'din il-massima wiehed jifhem illi l-process, minn naha, u l-partijiet ghalih, minn naha l-ohra, huma zewg ingredjenti organici u simultanji li ghandhom jikkoezistu vicendevolment u fl-istess mument. Mhux biss hu importanti li jkun hemm process bejn partijiet, izda li tali process ikun instawrat bejn il-partijiet idoneji, peress li huma l-partijiet idoneji li joholqu l-kontradittorju, li hu l-process gudizzjarju;

**(b)** Il-partijiet huma, necessarjament, il-parti attrici minn naha u dik konvenuta minn naha l-ohra. Entrambi ghandhom ikunu persuni (fizici jew morali) idoneji sabiex jikkomponu l-kontradittorju, u cioè li jkollhom id-debita kapacità processwali li

[12] Il-**Foramiti** jiddefinixxi l-kontradittorju bhala "*tuttio ciò che si fa in presenza delle parti interessate*." ("Enciclopedia Legale" Vol: II, Napoli 1864; vuci: "contradittorio" p.392) filwaqt li **Francesco Ricci** ("Commento al Codice di Procedura Civile Italiano", Firenze, 1890; Vol. I, §338, p.344) jmur naqra oltre u jikteb illi, "*il contradittorio costituisce il perno del processo, talmente che tutta l'istruzione posteriore della causa non ha altro scopo che quello di svolgere il punto di questione, quale si è fissato con la contestazione della lite*." Riflessjoni ta' dan it-taghlim hu mhaddan mill-qrati taghna *in re* **Mary Magdalene Symes et v. Robert Eder et** (Appell Civili, 13 ta' Gunju 1980) fejn inghad: "*il-litis konsorzju bejn dawk kollha li huma partecipi hu necessarju*" u anke *in re* **Scicluna v. Azzopardi** (Appell Civili, 3 ta' April 1964) fejn inghad: "*Evidentement, id-dikjarazzjoni ta' dik l-istess domanda mitluba kienet tolqot is-sidien kollha, kompriz dak li ma ssemmiex fl-okkju tal-kawza ghaliex anke dan kien legittimu kontradittur. Kif inhu sew maghruf biex gudizzju jkun integru hu necessarju l-presenza tal-interessati kollha*." L-istess hsieb gie abbraccjat sa ricenti *in re* **Karin Spiteri Maempel et v. L-Avukat Susan Lena Mercieca et** (Prim'Awla, 14 ta' Novembru, 2017).

jressqu domanda gudizzjali (attur) u/jew li jirrezistu ghaliha (konvenut). Entrambi jrid ikollhom il-mehtieg interess guridiku, kemm fil-bidu u kif ukoll matul il-perkors tal-procediment. Dan kollu huwa inter-dipendenti u dejjem irid jigi mhares mill-perspettiva tal-legam partikolari jew mill-vinkolu specifiku li jkun jidher li jorbothom. Tali rabta taf tiehu diversi forom u sfumaturi varji u taf tkun frott minn legam kuntrattwali[13] jew kwazi kuntrattwali[14], naxxenti minn qaghda kwazi delittwali[15] u sahansitra b'origini f'vinkolu pre-stabbilit, jew impost, bil-Ligi[16];

**(c)** Huwa bil-wisq naturali illi sabiex tigi mistharrga jekk parti konvenuta hijiex il-kontradittrici legittima jew le ghall-pretiza attrici, wiehed irid jara sew x'inhi l-istanza li l-parti attrici qed tivvanta kontra l-parti konvenuta l'ghaliex id-dritt t'azzjoni m'huwa xejn hlief astrazzjoni guridika meta mehud in izolament mill-bqija tad-dritt. Tali dritt jikkonkretizza ruhu bid-domanda gudizzjali, "*che si compendia nella formula «ne procedat judex ex officio» ed assume nel processo civile, e nell'ordinamento giuridico, una basilare importanza. Tramite di esso, infatti, l'esercizio della giurisdizione civile, tra le più salienti manifestazioni della sovranità, è rimesso al potere di disposizione della parte, la quale ha quindi la facoltà esclusiva di condizionarlo alle proprie determinazioni. Sotto tale aspetto il principio della domanda coincide con quello dispositivo, che informa, salvo le ristrette eccezioni di legge, il processo civile*" (**Girolamo Monteleone**, *op. cit.*, p. 192). Inoltre, "*La domanda, anche se non essa soltanto, determina l'oggetto del giudizio*" (*ibid*., p. 197). Illi sommati flimkien (id-dritt t'azzjoni u d-domanda gudizzjali), id-duttrina prevalenti tghallem li, "*ad ogni diritto, riconosciuto dalla legge positiva, corrisponde l'azione giudiziaria, a meno che questa sia stata espressamente dal legislatore negata, e sostituita da qualche altra garanzia*" (**Luigi Mattirolo**, "Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano" Vol. I, Torino 1892; §18 p.30). Dan m'huwa xejn gdid peress li anke lokalment, il-qrati taghna ilhom isostnu illi hu principju fid-dritt patriju li n-natura ta' l-azzjoni ghandha tigi dezunta mit-termini ta' l-att li bih jinbdew il-proceduri. In fatti, kif ritenut *in re* **Improved Design Limited v. Anthony Mifsud et** (Appell Superjuri, 5 ta' April, 2013), "*Gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna li biex tigi ffissata l-indoli ta' l-azzjoni li tigi ezercitata wiehed irid ihares mhux tant lejn il-kliem imma lejn dak li sostanzjalment ikun qed jigi mitlub fic-citazzjoni, jigifieri l-fondament u l-oggett tal-pretensjoni fiha dedotta. (ara Kollezz. Vol XXXVII pII p776, Vol XLV pII p652, Vol XI p401 u Vol X p926).*"

---

[13] Bhal fil-kaz, *inter alia*, tal-bejgh jew tad-depozitu.
[14] Bhal fil-kaz, *inter alia*, tan-*negotorium gestor*, l-*indebiti solutio*, l-arrikkiment ingust jew il-kommodat.
[15] Bhal fil-kaz, *inter alia*, ta' incidenti stradali.
[16] Bhal fil-kaz, *inter alia*, tal-Ligi tal-Condominia.

**(d)** Imbaghad, ghad-domanda attrici, tikkorrispondi d-difiza ta' l-avversarju konvenut. B'hekk di fronti ghall-azzjoni tinsorgi l-eccezzjoni li fiha "*si comprende qualunque specie di difesa che il convenuto propone contro la domanda dell'attore* " (**Luigi Mattirolo**, *op. cit.*, §38 p. 48). Kif hekk jikteb l-appena menzjonat awtur, "*qualsiasi difesa del convenuto deriva necessariamente da un difetto inerente all'azione. Questi difetti o riguardano il diritto tutelato dell'azione, o sono relative al modo di agire in giudizio, ossia al modo con cui l'azione si propone in giudizio*" (*ibid*., §39 p. 48).

Ferma din l-introduzzjoni, wiehed idur fl-ispecifiku tal-kwestjoni odjerna u jenuncja li ghad-domanda gudizzjali – cioè dik "*che contiene l'allegazione (cioè la enunciazione) dei fatti e dei rapporti giuridici, delle ragioni della contestazione, e la richiesta di determinati provvedimenti su di un oggetto preciso*" (**Girolamo Monteleone**, *op. cit.*, p. 149) – ghandu necessarjament iwiegeb ghalih il-konvenut (jew aktar minn wiehed). Izda mhux kulhadd jista' jkun konvenut *versu* d-domanda gudizzjali u dan peress illi l-parti avversarja necessarjament tehtieg tkun il-kontradittur legittimu di fronti ghall-pretiza ta' l-attur.[17] Ghalhekk, hu mpellenti li f'kull azzjoni dejjem tigi ndividwata l-kontro-parti u cioè "*colui che essendo titolare della situazione giuridica contrapposta a quella fatta valere dall'attore, ha reale e concreto interesse di opporsi ad essa e chiedere rigetto.*" (**Girolamo Monteleone**, *ibid*.). Dan hu hekk ghax, "*lo stare in giudizio è un atto di somma importanza, che richiede, così nell'attore, come nel convenuto, una speciale capacitá.*" (**Luigi Mattirolo**, "Trattato di Diritto Giudiziario Civile", Torino, 1894; Vol. II, p. 6).[18]

---

[17] Fid-decizjoni *in re* **Frances sive Frances Gladys Mercieca v. Future Focus Ltd** (Appell Inferjuri, 17 ta' Ottubru, 2007) inghad li, "*Huwa sew maghruf illi ghall-iskop tal-valutazzjoni ta' l-integrità tal-kontradittorju wiehed ghandu jiehu rigward ghall-prospettazzjoni ta' l-attur, u mhux ukoll ghall-ezitu tal-kontroversja*."

[18] Din mhux nozzjoni novella jew fenominu guridiku modern, izda hu wiehed antikament rikonoxxut. Infatti nsibu mghallem minn **Ludovico Mortara** ("Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile", 3ª ed. 1926; Vol. II, §496; pp. 630–631) illi, "*La capacità processuale va considerata sotto due aspetti: come capacità, cioè di agire o di stare in giudizio. L'espressione «capacità di agire in giudizio» serve a indicare l'attitudine giuridica di un soggetto ad essere «parte in giudizio». L'espressione «capacitá di stare in giudizio» indica invece l'attitudine all'esercizio legale della predetta capacità ... Tanto l'una che l'altra delle espressioni menzionate, e quindi anche il tema dell'attuale ricerca, si riferiscono alla capacità processuale attiva e passiva, cioè di attore come di convenuto, d'intervenuto, di chiamato in garantia, ecc ... si ricava, adunque, che la condizione fondamentale per la capacità di agire in giudizio è la normale capacità di possedere diritti, essere cioè soggetto di diritti; e che la condizione parimenti fondamentale per la capacità di stare in giudizio è quella di avere il libero esercizio dei diritti, ovvero di supplirvi con le forme integrative o abilitative stabilite dalle leggi*." Insenjamenti ulterjuri ta' dan l-awtur fuq it-tematika *de quo* jinsabu riportati fis-sentenza *in re* **Bernard Zammit v. Emmanuele Formosa et** (Appell Superjuri, 11 ta' Gunju, 1948) fejn hemm sostnut hekk: "*il convenuto deve essere il contraddittore legittimo alla domanda dell'attore, cioè colui dal quale, volontariamente o non, proviene l'impedimento, ossia lo stato di violazione del diritto dell'attore ... Solo chi è in questa situazione, o vi appare in virtù dell'asserzione dello attore, può stare contro di lui in giudizio, perché eventualmente può avere utilitá a far respingere l'istanza contenuta nell'azione*." L-

Fl-kaz tal-lum, jirrizulta indiskuss illi l-konvenuta Muriel Micallef hi kontradittrici legittima tas-socjetà konvenuta f'din il-kawza.

Dan huwa hekk in forza tal-polza ta' assikurazzjoni mahruga a favur taghha mis-socjetà attrici li fuqha tinbena l-azzjoni. Indubjament, polza bhal din hi kuntratt meqjus bhala wiehed konsenswali, aleatorju, oneruz, bi prestazzjonijiet korrispettivi, bilaterali u ghal zmien.[19] Fis-sentenza *in re* **Cordina Insurance Agency Lts noe v. Air Malta plc** (Appell Inferjuri, 1 ta' Novembru, 2006) kien gie affermat illi, "*huwa indiskuss illi r-rapport bejn il-persuna assigurata u l-kumpannija assiguratrici, li maghha r-riskju jigi pjazzat, hu wiehed kuntrattwali, bis-soliti karatteristici tal-konsenswalitá, onerozitá, aleatorjetà u prestazzjonijiet korrispettivi*." Il-partijiet kontraenti fih huma l-assigurat (il-konvenuta), li *inter alia* tassumi l-obbligu tal-hlas tal-*premium* u l-assiguratur (socjetà attrici), li *inter alia* jobbliga ruhu ghall-hlas ta' l-indennizz dovut f'kaz ta' l-avverar ta' l-event sinistru kontemplat fil-polza.

Ghalhekk, fic-cirkostanza ta' kopertura assigurattiva fuq veikoli (u sinistri stradali), tali polza tnissel legam kuntrattwali bejn il-persuna ta' l-assikurat u l-enti li tassigura l-eventwali sinistru. Tali vinkolu jassoggetta liz-zewg partijiet li jharsu u jimxu mal-kundizzjonijiet tal-polza, ossia li l-assikurazzjoni taghzel tforni kopertura assigurattiva f'kaz li javvera ruhu r-riskju previst fiha, filwaqt li l-parti assikurata tintrabat li taghmel dak kollu possibbli sabiex b'ghemilha possibilment tevita kemm tista' l-avverar tas-sinistru u li ssegwi l-kundizzjonijiet l-ohra tal-polza. Abbinat ma' tali legam hemm imbaghad id-disposizzjonijiet t'ordni pubbliku tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta illi jaghtu setghat ulterjuri u jeddijiet konkomintanti ghar-rabta li tigi instawrata bejn l-assigurat u l-assikurazzjoni. F'tali sitwazzjoni partikolari, jekk javvera sinistru u fl-istess waqt ikun hemm ksur tal-polza ta' l-assigurat, l-assigurazzjoni li tkun dovuta tindennizza lit-terz sinistrat, ghandha l-jedd li ddur fuq l-assigurat, anke jekk ma kienx l-istess assigurat li direttament kien partecipi fis-sinistru.[20]

---

istess identiku taghlim gie wkoll abbraccjat fis-sentenza *in re* **Kavallier Lawrence Darmanin noe et v. Marcel Mifsud noe** (Appell Superjuri, 13 ta' Mejju, 1992; mhux pubblikata).

[19] Ghal tifsira/definizzjoni legislattiva ta' "kuntratt ta' assigurazzjoni" ara l-Art. 2(1) ta' l-Att dwar l-Kummerc ta' l-Assigurazzjoni (Kaptiolu 403 tal-Ligijiet ta' Malta) u, b'illustrazzjoni, il-gurisprudenza *in re* **Joseph Micallef nomine v. Roman Vella** (Prim'Awla, 6 ta' April, 1973; mhux pubblikata), *in re* **Lino Zerafa nomine v. Avv. Joseph Fenech nomine**, (Appell Kummercjali, 30 ta' Mejju, 1980) u *in re* **Adriano Cassar Galea nomine v. Paul Cuschieri** (Appell Inferjuri, 31 ta' Lulju, 1996).

[20] Il-*proviso* ghall-ewwel sub-inciz ta' l-Art. 6, l-Art. 10 u anke l-*proviso* ghall-ewwel sub-inciz ta' l-Art. 12 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jaghtu jedd lill-assiguratur li, f'kaz ta' ksur ta' xi kundizzjoni jew izjed tal-polza da parti tal-persuna assigurata, u wara li jithallas it-terz danneggjat, l-istess assiguratur ghandu d-dritt ta' rivalsa fil-konfront ta' l-assigurat tieghu. Wiehed ikollu jghid li dawn huma drittijiet ta' rivalsa moderni li joriginaw minn direttivi Ewropej (*ex* Direttiva nru. 209/103/KE) u wkoll jirriflettu l-principju generali previst fl-Art. 1048 tal-Kodici

Opportuna ferm hawnhekk ir-referenza ghas-sentenza *in re* **Hugh P. Zammit nomine v. John Mifsud et** (Appell Superjuri, 1 ta' April, 2005) illi wkoll kienet kawza fejn l-assiguratur dar fuq l-assigurat biex jirriskwoti dak imhallas lit-terz danneggjat. Kemm l-ewwel qorti u kemm dik tat-tieni grad sostnew, fost hwejjeg ohrajn, li r-rapport guridiku bejn il-partijiet kien wiehed dikjaratament kontrattwali. L-ewwel qorti, b'sentenza tat-23 ta' April, 2001 *per* Imh. Albert J. Magri, kienet affermat illi, "*ghandu jigi osservat li r-responsabbilitá ghar-risarciment ta' danni mhallsa mill-assikurazzjoni ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta mhux relatat mar-responsabbilitá ghall-akkadut. Izda l-obbligu tal-hlas lura ta' ammonti mhallsa mill-assikurazzjoni jitwieled minn inadempjenza kuntrattwali nkwantu l-assikurat, li jkun intrabat mal-assikurazzjoni li josserva l-obbligi imposti fuqu bhala kondizzjoni tal-hrug tal-polza, jonqos li jaghmel dan* […] *Ir-radd lura tal-flus imhallsa mis-socjetá attrici huwa bazat fuq dan in-nuqqas jew ksur ta' kuntratt. Ghalhekk il-kwistjoni ta' minn ikkaguna d-danni originarjament fl-incident awtomobilistiku, ma ghandhix rilevanza ghal kawza odjerna*". Dan il-hsieb gie mhaddan *in toto* mill-qorti ta' revizjoni fejn insibu mizjud mieghu li, "*l-azzjoni attrici fil-veritá ma tikkoncernax danni akwiljani izda danni kontrattwali. L-azzjoni attrici hija bazata fuq inadempjenza kontrattwali in kwantu l-assigurat … naqas li josserva l-obbligi imposti fuqu bhala kundizzjoni tal-hrug tal-polza ta' assigurazzjoni in kwistjoni* […] *Ghalhekk ir-radd lura tal-flus imhallsa mis-socjetá attrici mhuwiex bazat fuq rizarciment ta' danni akwiljani, izda huwa bazat fuq in-nuqqas ta' l-appellant li josserva debitament il-kuntratt ta' assigurazzjoni li kien jezisti bejnu u bejn is-socjetá appellata* […] *r-relazzjoni bejn is-socjetá assigurattrici appellata u l-assigurat taghha, cioè l-appellanti, liema relazzjoni hi evidentement bazata fuq inadempjenza kontrattwali da parti ta' l-istess appellanti. Konsegwentement ghalkemm huwa veru li d-danni fl-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma ikkawzahomx l-appellanti, però xorta wahda huma danni sofferti mis-socjetá appellata minhabba li huwa naqas li josserva skrupolozament l-obbligi tieghu naxxenti mill-kuntratt ta' assigurazzjoni bejnu u bejn is-socjetà appellata*".

Il-fatt li l-konvenuta Muriel Micallef ma kinitx qed issuq dakinhar ta' l-incident u illi hi ma kinitx partecipi fil-proceduri t'arbitragg huma kwistjonijiet immaterjali fi procediment bhal dan. Certament, din il-konvenuta m'hijiex zvinkolata milli tkun parti fil-prezenti proceduri ghax, ghalkemm il-prezenti kawza tiehu spunt mill-proceduri precendenti arbitrali (fejn giet ricerkata l-htija skond id-dettami, *inter alia*, ta' l-Art. 1031, l-Art. 1032 u l-Art. 1033

---

Civili Malti. Ghal kull bwon fini, ikollu jigi puntwalizzat li tali jedd ta' rivalsa lill-assiguratur mhux biss jitwieled fil-konfront ta' l-assikurat, izda anke kontra l-persuna li tat lok ghas-sinistru hekk kif diversi decizjonijiet tal-qrati taghna jaffermaw. Ir-responsabbilità ta' dawn it-tnejn hi, ghalhekk, wahda solidali. F'dan ir-rigward ara *in re* **Hugh P. Zammit pro et noe v. John Mifsud et** (Appell Superjuri, 1 ta' April, 2005), *in re* **Fogg Insurance Agencies Limited noe et v. Joseph Aquilina et** (Appell Inferjuri, 14 ta' Frar, 2014) u *in re* **Middlesea Insurance plc v. Peter Azzopardi pro et noe** (Prim'Awla, 21 ta' Ottubru, 2015).

tal-Kodici Civili), dawn huma proceduri *ad hoc* u msejjsa primarjament fuq rabta kuntrattwali pre-ezistenti, l-allegata infrazzjoni ta' liem esponew lill-parti assiguratrici attrici ghal pregudizzju ekonomiku fil-konfront ta' terzi (i.e., l-indennizz *ex lege*).

Dawn is-senjalazzjonijiet jibbastaw biex jaghtu twegiba fin-negattiv ghall-eccezzjoni tal-konvenuta in dizamina. Ikollu jigi mistqarr, b'self mis-sentenza *in re* **Peter Montebello v. Peter Montebello et** (Prim'Awla, 25 ta' Settembru, 2003), illi, "*jekk parti taghzel li tressaq il-pretensjonijiet taghha kontra parti ohra fuq kawzali partikolari, l-eccezzjoni li titqanqal mill-parti mharrka kontra l-azzjoni maghmula kontriha trid titkejjel fuq dik il-kawzali u mhux fuq x'tahseb il-parti mharrka li setghet kienet il-kawzali vera*." Dan ma jfisser xejn hlief li t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta li m'hijiex il-legittima kontradittrici – u naturalment l-eccezzjonijiet l-ohra li huma intimament kollegati maghha (i.e., it-tielet u r-raba' wahda) – hi guridikament insostenibbli.

Ghalhekk, dwar din l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuta Muriel Micallef, it-Tribunal jikkunsidraha bhala guridikament mhux tajba u l-istess ghandha tigi rigettata. L-istess effett negattiv jinfluwixxi wkoll fuq it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet peress li huma konsegwenzjali ghat-tieni eccezzjoni.

Indirizzati l-materji ta' natura preliminari, it-Tribunal issa jdawwar l-attenzjoni tieghu biex jistharreg il-mertu tal-kawza.

It-Tribunal jikkunsidra;

Bil-prezenti istanza, is-socjetà attrici qed titlob rifuzjoni minghand il-konvenuti ta' l-ammont minnha mahrug biex jigi kumpensat terz abbazi tal-kundanna rizarcitorja fil-proceduri arbitrali. L-ammont huwa komplessivament ta' elfejn, tlett mija u sitta u tletin ewro u seba' u hamsin centezmi (€2,336.57c).[21] Il-bazi ta' l-azzjoni attrici hi l-vjolazzjoni tal-polza da parti tal-konvenuta Muriel Micallef illi kuntrarjament ghal dak previst fil-polza, ippermettiet lill-konvenut Clint Micallef li jsuq il-vettura assikurata meta hu ma kellux l-età idonea biex jaghmel dan. Il-polza kienet espressament tiddetta li l-vettura kienet tista' tigi misjuqa minn kull persuna, basta li tkun ghalqet l-età ta' hamsa u ghoxrin (25) sena. Dan huwa l-presuppost uniku li jaghti origini ghat-talba attrici f'dawn il-proceduri.

---

[21] Jigi mfakkar li l-attrici ma ezibit l-ebda evidenza dwar dan l-ammont li tghid li hallset lill-parti rikorrenti fil-proceduri arbitrali (i.e., it-terz danneggjat). Ma tressqet l-ebda prova, dokumentarja jew xort'ohra, ta' kif inhu ezattament suddiviz l-ammont ta' €2,336.57c, ossia oltre l-ammont ta' €919.52c bhala sorte fil-proceduri ta' arbitragg, ta' x'jikkomponi r-rimanenti ammont ta' €1,417.05c. Ghalkemm, giet prezentata kopja tat-taxxa ufficjali marbuta mal-proceduri t'arbitragg (ara *a fol*. 105), it-Tribunal, ghalkemm prova jahdem il-komputazzjoni, ma setax jasal ghall-ammont relattiv.

Madanakollu, mill-ewwel ikollu jigi mistqarr li l-atti processwali mressqa quddiem dan it-Tribunal ma jurux dak li donnha qed tara s-socjetà attrici. L-anomalija riskontrata mit-Tribunal m'hijiex merament kwistjoni ta' divergenza interpretattiva ta' certu stat ta' fatt, izda wahda dwar fattur oggettiv li, fis-sewwa, ma jistax jigi attribwit interpretazzjoni ohra ghajr ghal dak li effettivament juri.

Ikollu jigi ammess li dan it-Tribunal qara numerevoli drabi l-atti processwali u presta attenzjoni kbira ghal kull dokument u pagna ta' l-atti sabiex ma jkun qed jahrablu xejn, izda dejjem wasal ghall-istess identika konkluzjoni, u cioè illi l-provi juru li l-konvenut Clint Micallef kellu effettivament erbgha u tletin (34) sena fid-data ta' l-incident. Fi kliem iehor, dakinhar ta' l-incident il-vettura assigurata mas-socjetà attrici kienet qed tinstaq minn sewwieq li kellu aktar minn hamsa u ghoxrin (25) sena – fattur dan li jiznatura l-fondamenti ta' l-istanza attrici li fuqhom esklussivament tibbaza d-domanda gudizzjali taghha.

Ir-rapport tal-Pulizija ezibit in atti juri li Clint Micallef twieled fis-7 ta' Marzu, 1977.[22] L-incident stradali in kwistjoni sehh fis-17 ta' Frar, 2011.[23] Ghalhekk, dan jindika li fid-data ta' l-incident Clint Micallef kellu 34-il sena. Inoltre, u sussidjarjament, il-karta ta' l-identità ta' l-istess Clint Micallef, kemm fir-rapport tal-Pulizija[24], fl-affidavit tal-Pulizija[25] u kif ukoll fl-Avviz tat-Talba[26] ta' dawn il-proceduri hi indikata bhala 157577M. Ghalkemm, l-ahhar zewg *digits* ta' kull karta ta' l-identità jindikaw is-sena meta persuna tigi registrata mal-awtoritajiet u mhux necessarjament l-annu tat-twelid, f'dan il-kaz l-ahhar zewg *digits* jikkombacjaw mas-sena tat-twelid ta' Clint Micallef kif muri fir-rapport tal-Pulizija, ossia s-sena 1977.

Dawn il-provi – li huma l-unici provi mressqa sabiex jindikaw l-età tal-konvenut Clint Micallef – juru haga *toto coelo* diversa minn dak li qed tallega l-attrici. Dawn juru li fid-data ta' l-incident, li kien mertu tal-proceduri arbitrali, Clint Micallef kellu età ferm oltre l-25 li tispecifika l-polza ta' assikurazzjoni.

Ghalhekk, dan it-Tribunal jaraha alkwantu amonala u stramba:

---

[22] Ara *a fol*. 92.
[23] Ara *a fol*. 89.
[24] Ara *a fol*. 92.
[25] Ara a fol. 95.
[26] Ara *a fol*. 1.

- ghaliex l-assikurazzjoni hawn attrici kienet iddecidiet li tintervjeni f'dawk il-proceduri *in statu et terminis* fuq il-bazi li, "*Clint Micallef ma kienx persuna awtorizzata skond il-polza mahruga fuq il-vettura in kwistjoni misjuqa minnu*."[27];

- ghaliex l-istess assikurazzjoni, wara li giet koncessa l-istatus ta' intervenuta fl-istess proceduri,[28] kienet iddecidiet li tressaq risposta fihom u, *inter alia*, tghid li, "*Ir-responsabilità hija respinta u kkontestata stante li fil-mument tal-incident l-Intimat Clint Micallef ma kienx kopert bil-polza assikurattiva mahruga mis-socjetà mittenti li kienet insured: insured only driving over 25 skond id-Dok A anness*."[29];

- fuq liema bazi l-assikurazzjoni attrici, waqt il-proceduri ta' arbitragg, kienet iddecidiet tivverbalizza illi, "*Qed nara d-dokument SMS li qed nesibixxi – schedule annessa mal-polza ta' assikurazzjoni relattiva ghall-vettura DPS-679 involuta f'dan l-incident. Il-persuna li kien qed issuq il-vettura fl-incident cioè Clint Micallef, ma kienx kopert billi l-polza kienet tkopri biss persuni 'il fuq minn 25 sena, u fil-jum tal-incident Micallef Clint kien ghadu taht dik l-età*."[30];

- abbazi ta' liema evidenza l-Arbitru nizzel, wara d-dispozittiv tad-decizjoni arbitrali tieghu, illi, "*Ghal kull bwon fini l-Arbitru jiddikjara illi l-polza tas-sigurtà mahruga mis-socjetà ta' assigurazzjoni intervenuta fil-kawza*[31] *favur Muriel Micallef sid il-vettura involuta fl-incident kienet tkopri lilha biss. Ghalhekk id-drittijiet kollha legali tal-istess socjetà ta' assigurazzjoni fil-konfront tal-intimat naxxenti mill-ligi u mill-istess polza qeghdin jigu riservati favur l-intervenuta fl-Arbitragg*."

Kif fattur baziku bhal dan harab lis-socjetà attrici jisfuggi lit-Tribunal. Ghaliex l-attrici kompliet tishaq li Clint Micallef kien taht l-età ta' 25-il sena mentri fil-verità kien jidher li dan ma kienx minnu huwa fatt insolitu. U huwa wkoll alkwantu inspjegabbli kif id-difensuri rispettivi tal-prezenti zewg konvenuti harbilhom dan l-aspett li fuqu unikament tissejjes il-pretiza attrici. Mhux biss b'naqra aktar attenzjoni dan il-fattur seta' gie eccepit jew senjalat mill-konvenuti sabiex jallerta lill-parti attrici, izda ukoll b'naqra aktar attenzjoni kienet tigi evitata din il-kawza da parti ta' l-attrici.

Issa, jekk kien hemm xi karenza, xi zball jew xi zvista x'mkien dwar l-età, dan ma jirrizultax mill-atti processwali kif kompilati u mressqa quddiem dan it-Tribunal. Jekk

---

[27] Ara rikors ta' l-attrici mressaq fil-proceduri ta' arbitragg tat-23 ta' Jannar, 2013 sabiex tigi permessa tintervjeni f'dawk il-proceduri (ezibit *a fol*. 63 ta' dawn il-proceduri).
[28] Ara digriet ta' l-Arbitru datat 10 ta' Lulju, 2013 (ezibit *a fol*. 65 ta' dawn il-proceduri).
[29] Ara risposta fil-proceduri ta' arbitragg tad-19 ta' Lulju, 2013 (ezibita *a fol*. 67 ta' dawn il-proceduri).
[30] Ara verbal tas-seduta arbitrali tad-9 ta' Lulju, 2014 (ezibit *a fol*. 79 ta' dawn il-proceduri).
[31] Li hija s-socjetà attrici f'dawn il-proceduri.

kien hemm xi evidenza ohra li kienet turi mod iehor minn dak prodott fil-kors ta' dawn il-proceduri, kien dmir primarju, jekk mhux esklussiv, tal-parti interessata li din tigi senjalata u formalment imressqa. It-Tribunal ikollu joqghod u jistrieh fuq il-provi kif migjuba lilu u certament huwa prekluz milli jaghmel indagnijiet *motu proprio* u ulterjuri[32] lil hinn mill-attività gudizzjarja ezercitata mill-partijiet litigandi ghaliex hu notorju illi min hu tenut jiggudika ghandu, "*jestraji d-decizjoni tieghu unikament mill-allegazzjonijiet provati, u mhux ukoll minn dak li messu ngieb ghab-bazi tad-domanda u baqa' ma giex offert bi prova konvincenti*." (**F. Advertising Limited v. Simon Attard et**, Appell Inferjuri, 21 ta' Mejju, 2010)[33] u anke l'ghaliex "quod non est in actis, non est in mundo".[34] Fin-nuqqas ta' evidenza, certament dan it-Tribunal – bhal kull enti

---

[32] Minn ricerka maghmula mit-Tribunal jirrizulta li fis-sistema Ingliza – li proceduralment hi l-fonti u l-axxendent ta' dik domestika hekk kif jispjega sew il-gurista u Imhallef Malti **Paolo De Bono** fil-monografija tieghu intitolata "Storia della Legislazione in Malta" (Malta, 1897; pp.322–323) – jidher li l-gudikant ma jistax inehhi t-toga tieghu u jilbes dik ta' avukat u jidhol fl-arena rizervata lill-partijiet u lid-difensuri taghhom. Ir-rwol tieghu, ghalkemm m'ghandux ikun ta' passività totali, hu primarjament wiehed ta' arbitru distakkat mill-litigju li qed jizvolgi quddiemu. In fatti, fil-kawza celebri ta' ***Jones v. National Coal Board*** [1953 J. No. 136] Lord Denning J. esprima ruhu hekk f'dan ir-rigward: « *In the system of trial which we have evolved in this country, the judge sits to hear and determine the issues raised by the parties, not to conduct an investigation or examination on behalf of society at large, as happens, we believe, in some foreign countries ... And Lord Greene M.R. who explained that justice is best done by a judge who holds the balance between the contending parties without himself taking part in their disputations. If a judge, said Lord Greene, should himself conduct the examination of witnesses, "he, so to speak, descends into the arena and is liable to have his vision clouded by the dust of conflict ... The judge's part in all this is to hearken to the evidence, only himself asking questions of witnesses when it is necessary to clear up any point that has been overlooked or left obscure; to see that the advocates behave themselves seemly and keep to the rules laid down by law; to exclude irrelevancies and discourage repetition; to make sure by wise intervention that he follows the points that the advocates are making and can assess their worth; and at the end to make up his mind where the truth lies. If he goes beyond this, he drops the mantle of a judge and assumes the robe of an advocate; and the change does not become him well. Lord Chancellor Bacon spoke right when he said that: "Patience and gravity of hearing is an essential part of justice; and an over-speaking judge is no well-tuned cymbal".* » Kawzi ohra li segwew l-istess binarju huma, fost bosta ohrajn, ***Barry Victor Randall v. The Queen (Cayman Islands)*** [2002; UKPC 19 (16 April 2002)] u ***Peter Michel v. The Queen*** [2009; UKPC 41]. Interessanti wkoll is-segwenti letteratura fuq din it-tematika: Artiklu intitolat "**Judges Ought To Be Active Referees And Not Mere Spectators**" ta' David Hope (Settembru, 2012); Artiklu intitolat "**Partisan Justice: A Brief Revisit**" ta' Marvin Frankel ('Litigation Journal' 1989; Vol. 15, No. 4); u l-Artiklu intitolat "**The role of the judge in the court-room: the common law and civil law compared**" ta' Hein Kötz ('South African Law Journal' 1987; Vol. 35).

[33] Kif kellu okkazzjoni jghid dan it-Tribunal, fost ohrajn, *in re* **Ivan Blazek v. Personal Exchange International Ltd** (European Small Claims Tribunal, 21 ta' Marzu, 2018), "*Maltese Law embraces a predominantly adversarial, rather than an inquisitorial, procedural system. This is a system where the parties advocate their own case, or positions, before an impartial and equidistant person (a judge, a magistrate, an adjudicator, an arbitrator, etc.), who attempts to determine the truth and pass judgment accordingly on the evidence submitted exclusively by the contending parties. In contrast, under the inquisitorial system, the judge, magistrate, etc takes a more vigorous and active role in the proceedings and in the gathering of the evidence (the quantity and/or quality thereof). Under Maltese law, as embraced by domestic case-law, it is a known tenet that a party in civil proceedings is not expected to be guided by the Court or Tribunal regarding the quantity or quality of the evidence to be exhibited. That is purely up to the party submitting the relative evidence. The Court or Tribunal is only permitted to decide on the evidence it has before it and is not allowed to raise any awareness of either of the parties with respect to any possible lacunæ or potential inadequacies in the evidence submitted*."

[34] Ara fuq dan il-principju l-kawza *in re* **Carmelo Zammit v. Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp** (Appell Kummercjali, 10 ta' April, 1995 riportata f'*Kollez*. Vol.LXXIX –II–876).

gudizzjarja jew kwazi-gudizzjarja fis-sistema legali Maltija – ma jistax jikkolma l-ommissjonijiet probatorji ta' xi parti.[35] Ghalkemm huwa minnu li dan it-Tribunal mhux marbut bir-regola dwar l-ahjar prova *ex* Art. 9(2)(b) Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta (u ghalhekk jista' jitgharraf b'kull mod li jidhirlu xieraq dwar il-mertu tal-kawza), madanakollu dan ma jiddispensax lill-parti interessata milli tadduci provi idoneji in sostenn tat-tezi taghha (**Emanuel Borg et v. Anna Clews et**, Appell Inferjuri, 27 ta' Frar, 2009). Sa pjuttost ricenti, id-decizjoni *in re* **Middlesea Insurance plc v. Waldorf Auto Services Co Ltd et** (Appell Inferjuri, 17 ta' Novembru, 2017) ittenni tghid illi, "*għalkemm it-Tribunal għandu jiddeċiedi l-kawżi quddiemu prinċipalment abbażi tal-ekwità, ovvjament il-kawżi quddiemu xorta għandhom jiġu deċiżi a bażi tal-provi li kull parti tkun ressqet*." L-istess identiku kliem hu misjub fid-decizjoni *in re* **A.I.M. Enterprises Limited v. U.C.I.M. Co Ltd et** (Appell Inferjuri, 17 ta' Novembru, 2017).

Hi norma indiskussa li tghid illi jispetta lil min javvanza pretiza u/jew allegazzjoni li jipprova dak minnu allegat. Dan insibuh rifless fil-massimi antiki, ormai komuni, li jghidu "*onus probandi incumbit ei qui dicit, non ei qui negat*" u "*affirmanti incumbit probatio*", li gew tradotti legislattivament fl-Art. 562 tal-Kodici ta' Procedura Civili li jistabbilixxi li, "*l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.*" Fis-sentenza *in re* **Anthony Azzopardi et v. Anthony Micallef** (Prim'Awla, 5 ta' Mejju, 2016) inghad illi, "*il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka.*" F'dan is-sens ara wkoll

---

[35] Fid-duttrina, nsibu mghallem illi, "*nel processo civile vige il così detto principio dispositivo in conseguenza del quale il giudice decide esclusivamente in base alle prove fornite in giudizio dalle parti*." (**FRANCESCO GAZZONI**, "Manuale di Diritto Privato", XI ed., 2004; p.102). Dan hu hekk proprju ghaliex, "*le parti sono, e devono essere, su di un piede di paritá i protagonisti e gli artefici del processo poiché loro è la res de qua agitur, e su di loro, infine, ricadranno gli effetti del giudizio*." (**GIROLAMO MONTELEONE**, "Manuale di Diritto Processuale Civile" Vol. I, CEDAM 2007, p.20). Ghalhekk, "*È, dunque, infedele alla legge quel giudice che, anche in buona fede, si sovrappone alle parti assumendo di fatto la veste di contradittore, che non gli compete; quel giudice che strumentalizza le parti ed il processo per un fine ad esso esterno, qualunque esso sia (politico, ideologico, economico, di sentimento, persecutorio, ecc. ecc.); quel giudice che finge di vivere il contradittorio ed il processo, ma giunge in realtà con la soluzione precostituita in tasca.*" (*ibid.*, p. 31). Agguntivament, "*Il giudice, come ben sapiamo, è un terzo che non sa nulla (e nulla deve sapere) dei fatti controversi; nel nostro ordinamento assume anche la veste del pubblico impiegato, cioè di burocrate, per cui egli in linea di principio, oltre ad ignorare i fatti, si limita a svolgere il suo lavoro senza particolari entusiasmi per le vicende riguardanti le parti. In queste condizioni è quanto meno azzardato pensare che il giudice possa con esito proficuo sostituirsi nell'acquisizione delle fonti di prova alle parti, che invece conoscono assai bene i propri affari, sanno come e dove cercare le prove, e rischiano in prima persona*." (*ibid.*, p. 31). Dan ifisser li gudikant ghandu jemetti d-decizjoni tieghu bbazi tal-materjal lilu offrut mill-partijiet u m'ghandux ifittex *altrove*, anke fuq l-istregwa tal-principji mhaddna mill-qrati patria li *quod non est in actis non est in mundo* u li gudikant ghandu jiddeciedi *secundum acta et probata non secundum privatam scientiam* stante illi r-rilevanza probatorja ma tinsabx f'dak li jaf il-gudikant, izda f'dak li johrog mill-atti processwali (*non refert quid notum sit judici si notum non sit in forma judicii*). Dan hu rifless fil-gurisprudenza nostrana bhal perezempju fis-sentenzi fl-ismijiet **Carmelo Zammit v. Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp** (Appell Kummercjali, 10 ta' April, 1995) u **F. Advertising Limited v. Simon Attard et** (Appell Inferjuri, 21 ta' Mejju, 2010).

*in re* **Hans J. Link et v. Raymond Mercieca** (Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar, 2001). L-attrici, li ghazlet issejjes azzjoni fuq presuppost specifiku u partikolari, naqset li turi l-istess presuppost ghandu mis-sewwa. Addirittura, il-provi minnha avvanzati juru l-kontra.

F'dan il-kaz ma jidhirx li l-attrici ghandha ragun fil-pretiza taghha, bazikament ghax tibni kaz fuq presuppost fattwali li ma jirrizultax bhala fondat. Ghandha, ghalhekk, ragun il-konvenuta Muriel Micallef li tghid li t-talba attrici, kif dedotta, hija fattwalment u legalment infondata, stante li mill-atti processwali jirrizulta illi dakinhar ta' l-incident il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBS-679 tat-tip 'Mitsubishi Pajero', illi kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni tat-tip *third party liability*, kienet effettivament qed tigi misjuqa minn persuna (mill-konvenut Clint Micallef) li kellha 'l fuq minn hamsa u ghoxrin (25) sena. Ghalhekk, ma kien hemm l-ebda ksur tal-polza kif allegat.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet maghmula hawn fuq u konsistentement maghhom, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut Clint Micallef u jichad ukoll it-tieni eccezzjoni, u konsegwentement anke t-tielet u r-raba' eccezzjonijiet, tal-konvenuta Muriel Micallef, jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta Muriel Micallef u konsegwentement jichad it-talba attrici bhala guridikament insostenibbli u fattwalment infondata.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri – b'applikazzjoni tal-Art. 10(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*